MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2014

Numru 1024/2013

**SPETTUR JONATHAN RANSLEY**

**VS**

**BENJAMIN CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Benjamin Camilleri ta' 25 sena, bin Pierre u Rita nee' Grima, mwieled Zabbar nhar is- 16 ta' Awwissu 1988, residenti gewwa 101, The White House, Flat 12, Triq Nazju Ellul, Gzira u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 374188M;

Talli nhar l- 1 ta' Settembru 2013, ghall- habta tal- 4.00pm gewwa Mayflower Mansions, Triq Bisazza Sliema u/ jew fi bnadi ohra f' dawn il- Gzejjer;

1) Ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il- persuna ta' Claude Balzan, kif iccertifikat minn Dr James Vassallo numru tar- registrazzjoni 3615 gewwa Mater Dei, liema feriti jiehdu aktar minn tletin gurnata biex ifiequ u jistghu jgibu sfregju gravi u permanenti fil- wicc, fil- ghonq jew f' wahda mill- idejn tal- istess Claude Balzan;
2) Bl- imgieba tieghu ikkaguna lil Claude Balzan biza' li ser tintuza vjolenza kontriha, meta hu kien jaf jew missu kien ajf li dik l- imgieba tieghu se tikkaguna biza;
3) Hedded lil Claude Balzan bil- fomm liema theddid kien jivolvi wkoll ordni jew kundizzjoni;
4) Ghamel lil Claude Balzan ingurji jew theddid ohrajn imsemmijin band' ohra f'dan il- kodici anke jekk kien ipprovokat, ingurja b' mod li hareg barra mil- limiti tal- provokazzjoni;
5) Bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l- ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, igieghel, bl- awtorita' tieghu nnifsu lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat il-verbal ta'llum, fejn il-partijiet kollha qablu li l-griehi sofferti minn Claude Balzan kienu ta' natura hafifa;

Rat illi l-istess parte civile irrinunzjat ghall-azzjoni kriminali kontra l-imputat;

Rat illi, in vista tar-rinunzja, il-Prosekuzzjoni rremettiet ruhha;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 221, 251B, 249 (2), 339(1) (e) u 85 (1) tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti tiddikjara din il- kawza procediment ezawrit.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------